

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 104/2012

tas-7 ta' Frar 2012

## dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1)(a) tiegħu,

Billi:

- (1) Sabiex tiġi żgurata applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda mehmuża mar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, huwa neċessarju li jiġu adottati miżuri li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament.
- (2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawk ir-regoli japplikaw ukoll għal kwalunkwe nomenklatura oħra li hija bbażata, parzjalment jew kollha kemm hi fuqha jew li żżid kwalunkwe suddiviżjoni oħra magħha u li hija stabbilita minn dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Unjoni, bil-għan tal-applikazzjoni ta' tariffi u miżuri oħra relatati mal-kummerċ tal-oġġetti.
- (3) Skont dawk ir-regoli ġenerali, il-prodotti msemmija fil-kolonna (1) tat-tabella mniżżla fl-Anness għandhom jiġu kklassifikati taħt il-kodiċi tan-NM indikata fil-kolonna (2), minħabba r-raġunijiet stabbiliti fil-kolonna (3) ta' dik it-tabella.

(4) Huwa xieraq li jkun stiplulat li informazzjoni tariffarja li torbot u li nħarġet mill-awtoritajiet tad-dwana tal-Istati Membri, rigward il-klassifikazzjoni ta' oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda, iżda li mhijiex skont dan ir-Regolament tkun tista', għal perjodu ta' tliet xhur, tibqa' tkun invokata mid-detentur, skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità <sup>(2)</sup>.

(5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament tfasslu b'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-prodotti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella kif tidher fl-Anness għandhom ikunu kklassifikati fi ħdan in-Nomenklatura Magħquda taħt il-kodiċi tan-NM indikat fil-kolonna (2) ta' dik it-tabella.

*Artikolu 2*

Informazzjoni tariffarja li torbot maħruġa mill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, li ma tikkonformax ma' dan ir-Regolament, tista' tibqa' tiġi invokata għal perjodu ta' tliet xhur skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin ġurnata wara dik tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Frar 2012.

*Għall-Kummissjoni,  
F'isem il-President,  
Algirdas ŠEMETA  
Membru tal-Kummissjoni*

<sup>(1)</sup> ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1.

## ANNEX

Deskrizzjoni tal-prodotti	Klassifikazzjoni (Kodiċi tan-NM)	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
<p>L'hekk imsejjaħ "sett tar-rota", jikkonsisti mill-partijiet li ġejjin:</p> <p>(a) qafas,</p> <p>(b) forka ta' quddiem, u</p> <p>(c) żewġ rimmijiet.</p> <p>Il-partijiet jiġu kollha ppreżentati għall-approvazzjoni doganali fl-istess ħin, iżda huma ppakkjati separatament.</p>	<p>(a) 8714 91 10</p> <p>(b) 8714 91 30</p> <p>(c) 8714 92 10</p>	<p>Il-klassifikazzjoni tiġi ddeterminata permezz tar-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda u permezz tal-kliem tal-kodiċi tan-NM 8714, 8714 91, 8714 91 10 u 8714 91 30, u 8714 92 u 8714 92 10.</p> <p>Ladarba l-partijiet mpoġġija flimkien ma jkollhomx il-karattru essenzjali ta' rota kompluta, il-klassifikazzjoni taħt is-subintestatura 8712 00, bħala rota mhux kompluta, permezz tal-applikazzjoni tar-Regola Ġenerali Interpretattiva (GIR) 2(a), hi eskluża (ara wkoll in-Noti ta' Spjegazzjoni tan-NM għas-subintestatura 8712 00).</p> <p>Ladarba mhumiex ippakkjati flimkien, il-klassifikazzjoni tal-partijiet bħala oġġetti mqasma fset-tijiet għal bejgħ bl-imnut fi ħdan it-tifsira tal-GIR 3(b) hija eskluża. Għaldaqstant, il-partijiet għandhom jiġu kklassifikati separatament.</p> <p>Il-qafas għandu għalhekk jiġi kklassifikat skont il-kodiċi tan-NM 8714 91 10, il-forka ta' quddiem skont il-kodiċi tan-NM 8714 91 30 u r-rimmijiet skont il-kodiċi tan-NM 8714 92 10.</p>